MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 34/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Mifsud**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b' risoluzzjoni wahda, bejn il-15 ta' Settembru, 2011 u l-15 ta' Ottubru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil jghati lil Maria Elena Mifsud u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar, 2012 fejn wara li rat l-Artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lil appellant hati u kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti li filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata in kwantu li tikkonferma li l-esponenti hu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tbiddel il-piena inflitta fis-sentenza tal-ewwel Qorti billi tirriduci l-piena ghal wahda inqas harxa minghajr detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena ta’ gimgha detenzjoni. Illi l-esponenti ammetta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali illi l-manteniment ghal perjodu indikat fic-citazzjoni fl-ammont ta’ erba mija u hamsa u sittin Ewro huwa dovut lil martu Maria Elena Mifsud u dan skond l-istess digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi jigi rilevat illi l-esponenti bl-ebda mod ma ried jonqos rispett jew li ma jobdix l-ordni moghtija mill-Onorabbli Qroti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi hekk kif indikat l-espozizzjoni tal-fatti f’ dan l-umli rikors ta’ l-Appell l-esponenti ma waqafx ihallas l-manteniment fl-ammont ta’ erbgha mija hamsa u sittin Ewro lil martu b’kapricc, biex jisfida jew bhala disrispett lejn l-awtorita’ tal-Onorabbli Qorti. Illi huwa fatt li l-kundizzjoni fizika tal-esponenti hi wahda li ma thallihx jirritorna fuq il-post tax-xoghol, Mhux biss izda kif certifikat mill-Professur Dr. Joe Borg, l-esponenti qed jistenna sabiex jigi sottomess ghal intervent kirurgiku. Illi l-esponent ma baqax inadempjenti izda ha r-rimedji kollha sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu f’ tali cirkostanzi tant illi huwa lahaq ftehim mad-dirigenti ta’ Transport Malta sabiex huwa jzomm biss mill-paga tieghu (li hija wahda ridotta minhabba li qieghed fuq injury

leave) l-ammont ta’ tlett mitt Ewro filwaqt li l-kumplament qed jghaddu bhala manteniment lil martu Maria Elena Mifsud. Illi ghalhekk gie sottomess quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) li ghalkemm l-manteniment fl-ammont ta’ erbgha mija u hamsa u sittin Ewro ma thallasx kollu kien hemm parti sostanzjali illi kienet thallset liema fatt gie kolloborat anke minn Maria Elena Mifsud innifisha fejn din indikat lil Onorabbli Qorti li parti mill-manteniment kien effettivament thallas. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ma haditx dawn ic-cirkostanzi specjali u sfortunati tal-esponent hija u taght s-sentenza taghha meta kkundannatu ghal gimgha detenzjoni u dan minkejja li ngabet il-prova li l-esponenti ma jistax jahdem minhabba c-cirkustanzi ta’ sahha tal-esponenti u minkejja li ngabet il-prova li effettivament l-esponenti qed jhallas parti minn dan il-manteniment bl-ahjar mod li jista u fic-cirkostanzi specjali ta’ dan il-kaz.

2. Illi l-Ewwel Onorabbli Qroti naqset li tiehu in konsiderazzjon it-tip ta’ xoghol mwettaq mill-esponenti, liema xoghol huwa ta’ perikolu kontinwu ghas-sahha tal-esponenti u ghalhekk isegwi illi l-Awtorita tat-Trasport li thaddem lill-esponenti zgur mhix ser taccetta lill-esponenti lura fuq il-post tax-xoghol sakemm l-istess ikun iccertifikat minn tabib li huwa jista` jaqdi dmiru minghajr ma zzid il-perikolu ghal hajja u sahha tal-istess esponenti. Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta l-oppost, mhux talli l-esponenti mhux certifikat li jista jerga jidhol lura ghax-xoghol izda li l-esponenti jrid jissottoponi lilu nnifsu ghal intervent kirurgiku b’hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti a bazi ta’ ekwita kellha taghti importanza ghal dan il-fatt li l-esponenti zgur ma setax jirritorna lura fuq il-post tax-xoghol u dan mhux semplicement b’kapricc jew b’ xi motivi sabiex l-esponent ma jhallasx il-manteniment kollu lil martu u dan anke in vista tal-fatt illi mill-ftit paga li l-esponenti qed jithallas huwa ghamel l-arrangamenti kollha necessarji u li huma fil-poter tieghu sabiex jibda jhallas tal-inqas parti mill-manteniment dovut lil martu Maria Elena Mifsud.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa obbligat li jhallas lil martu Maria Elena Mifsud l-ammont ta' erba` mija w hamsa w sittin Ewro kull hmistax, skond digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Dan id-digriet kien qed jigi rinforzat direttament mill-paga tal-appellant u cioe` mix-xoghol li jaghmel mal-Malta Transport Authority pero` l-appellant qieghed jallega illi huwa wegga` fuq il-post tax-xoghol u ma kienx aktar f'posizzjoni illi jivversa l-manteniment lil martu.

Quddiem din il-Qorti d-difiza argumentat illi l-appellant ibati minn mard kroniku u ma kienx ghal xi att volut tieghu jew li jisfida l-parti civili izda sforz il-problemi medici li ghandu. Gie spjegat li gew ipprezentati zewg rikorsi quddiem il-Qorti tal-Familja izda dawn gew michuda. Mill-ftit flus illi ghandu qed ihallas li jista` u mhux kontestat li ghad fadallu jhallas €535 lil parti civili izda ma jistax ihallas ghax qed jistenna li ssir operazzjoni.

Minn naha l-ohra l-parti civili qalet illi l-proceduri ta' medjazzjoni ilhom li saru sena w nofs. Kumbinazzjoni malli beda l-medjazzjoni waqaf il-manteniment. L-appellant ma jhallasx ghaliex dahal f'pika mal-parti civili.

Ikkunsidrat :

Dan l-appell huwa limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena ta' gimgha detenzjoni, peress illi huwa ammetta illi ghandu jhallas lil martu l-ammont dovut fic-citazzjoni, izda l-kondizzjoni fizika tal-appellant hija wahda prekarja u ma tippermettihx illi jirritorna lura ghax-xoghol.

Dan l-argument tqieghed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, izda skond l-appellant dik il-Qorti ma haditx ic-cirkostanzi specjali u sfortunati tieghu u ghaddiet biex ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Ikkunsidrat :

Gie diversi drabi ribadit mill-Qorti taghna illi l-fatt illi persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat

ghaliex sfat bla xoghol mhijiex raguni sabiex dak li jkun jonqos mill-obbligi tieghu illi jipprovdi l-manteniment lil martu u lil uliedu.

Kif gie ritenut fil-kawza « Il-Pulizija vs Anthony Saliba » [15-07-1998] *« ........jekk persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahx mill-obbligi taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu hu illi kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utili li l-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika li jkun jista` jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa` marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. »*

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Qorti tal-Familja, li ordna l-hlas ta' manteniment, din il-qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn appellant ikun naqas li jottempra ruhu ma' tali digriet jew sentenza tkun xi tkun ir-raguni jew pretest biex jaghmel dan.

Altrimenti din il-Qorti minflok Qorti tal-Appell Kriminali tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Qorti tal-Familja, mansjoni li zgur ma taqax taht il-kompetenza taghha.

Kif qalet il-kawza l-« Pulizija vs Lawrence Mifsud » deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ottubru 2009 *« fil-kamp kriminali biex tirrizulta htija ta' natura kontrovenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi ppruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas ta' manteniment ....... u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-perjodu imsemmi fil-komparixxi u trattandosi ta' reat kontrovenzjonali li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f'certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il-*

*Qorti ghandha deskrizzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda, ammorizjoni jew riprenzjoni jew xi provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. »*

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata id-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14-06-1999).

Certament il-piena ta' gimgha detenzjoni taqa` entro l-parametri tal-ligi fejn il-massimu taghha jista` anki jitlahhaq sa xahrejn detenzjoni.

Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi dik id-deskrizzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------